MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 164/2010

**A B**

**-vs-**

**Dr. Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-1 ta' Gunju 2010 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti A B u l-konvenut C D E zzewgu fit-23 ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. HP1;

Illi l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-intimat dahal ghal dan iz-zwieg ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar;

Illi l-intimat eskluda il-prolazzjoni tal-ulied;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, l-intimat jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu, tas-sena elfejn u hamsa (2005) fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19 (c) u 19 (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna l-komunika tal-istess decizjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tal-1 ta' Gunju 2010 li permezz tieghu gew nominati Dr. Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti C D E.

Rat ir-risposta guramentata tal-imsemmija kuraturi fejn dawn irrispondew:

Illi l-kuraturi ghamlu bosta tentattivi sabiex jikkuntattjaw lill-intimat C D E, pero' sal-lum, dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu pozittiv u ghalhekk l-esponenti m'humiex edotti ghal fatti ta' kaz.

Ghaldaqstant, l-esponenti jghidu illi f'kaz li jirnexxielhom jaghmlu kuntatt mal-intimat huma jirrizervaw li, bl-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet f'din il-kawza zzewgu fit-23 ta' Marzu 2005 f'Malta. Ir-ragel huwa ta' nazzjonalita' Torka u l-mara hija Maltija. Wara xi snin johorgu flimkien inqalghu s-soliti problemi bil-Visa tar-ragel, li, tul l-gherusija kienet qed tigi lilu mgedda abbazi tar-relazzjoni stabbli tieghu mal-attrici. Meta l-permess tieghu biex jibqa' Malta ma setax jibqa' jigi mgedded, insista li jizzewgu. Qabel dan il-mument, qatt ma kien hemm ebda hsieb ta' zwieg. Hija tixhed hekk:

"*Kollox kien miexi sewwa bejnietna ghalkemm mhux l-ewwel darba li kien jghidli li kellu xi problema bil-Visa tieghu f'Malta u jien kont nigi mitlub niffirmalu xi karti biex huwa jkun jista' jibqa' Malta. Madwar tliet snin wara li bdejna nohorgu flimkien inqalghet xi problema li minhabba fiha, il-Visa tieghu ma setghetx tigi mgedda. Kien f'dan il-mument li C beda jinsisti li nizzewgu. Minhabba li konna ilna ftit mhux hazin flimkien, jiena ma hsibtx hazin fuq din il-proposta ta' C u b'hekk iddecidejna li nizzewgu.*"

Wara li s-sitwazzjoni tieghu giet regolarizzata huwa telaq lil martu u qatt ma rega' kkomunika maghha. L-iskop tieghu kien intlahaq.

Ic-cirkostanzi ta' dan iz-zwieg huma dawk klassici u komuni ta' zwieg ta' konvenjenza. F'dan il-kuntest, il-Qorti

taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Miriam Ramadan Mabrouk xebba B vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-16 ta' Jannar, 1998) fejn il-Qorti rriteniet illi:

"*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament.*"

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn A B u C D E fit-23 ta' Marzu 2005 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------